



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Lulju 2018  
(OR. en)

10285/18

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2018/0242 (NLE)**

---

**FRONT 184**  
**COWEB 95**

#### **ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

|          |                                                                                                                                                                                                                                                                   |
|----------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-ftehim ta' status bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Albanija dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tal-Albanija |
|----------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...**

**ta' ...**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Status  
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Albanija  
dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea  
għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tal-Albanija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punti (b) u (d) tal-Artikolu 77(2) u l-punt (c) tal-Artikolu 79(2), flimkien mal-Artikolu 218(5), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Taħt l-Artikolu 54(4) tar-Regolament (UE) Nru 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>, f'każijiet fejn ikun mistenni li timijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u l-Kosta se jkunu stazzjonati f'pajjiż terz f'azzjonijiet fejn il-membri tat-tim ikollhom setgħat eżekuttivi, jew fejn azzjonijiet oħra f'pajjiżi terzi jeħtieġu dan, għandu jiġi konkluż mill-Unjoni ftehim dwar l-istatus mal-pajjiż terz konċernat.
- (2) Fis-16 ta' Ottubru 2017, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mar-Repubblika tal-Albanija għal ftehim ta' status dwar l-azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tal-Albanija (il-'Ftehim').
- (3) In-negozjati dwar il-Ftehim infetħu fit-13 ta' Diċembru 2017 u ġew iffinalizzati b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim fit-12 ta' Frar 2018.
- (4) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom ir-Renju Unit ma jiħux sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE<sup>2</sup>; għaldaqstant, ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhuwiex marbut biha jew suġġett għall-applikazzjoni tagħha.

---

<sup>1</sup> Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE (ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1).

<sup>2</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u Irlanda ta' Fuq biex jiehd parti f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43).

- (5) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tiħux sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE<sup>1</sup>; għaldaqstant, l-Irlanda mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (6) B'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Ladarba din id-Deċiżjoni tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi, fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar din id-Deċiżjoni jekk hijiex ser timplimentah fil-liġi nazzjonali tagħha.
- (7) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat u li t-test tad-dikjarazzjoni konġunta fir-rigward tal-Iżlanda, tan-Norveġja, tal-Iżvizzera u tal-Liechtenstein, li jinsab anness ma' din id-Deċiżjoni, jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi disposizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

### *Artikolu 1*

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Status bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Albanija dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tal-Albanija (il-Ftehim') huwa b'dan awtorizzat, suġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim<sup>1+</sup>.

### *Artikolu 2*

It-test tad-dikjarazzjoni konġunta anness ma' din id-Deċiżjoni għandu jiġi approvat f'isem l-Unjoni.

### *Artikolu 3*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

---

<sup>1</sup> It-test tal-Ftehim se jiġi ppubblikat flimkien mad-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.  
<sup>+</sup> Delegazzjonijiet: araw id-dokument ST 10290/18.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

## ANNESS

### DIKJARAZZJONI KONĠUNTA FIR-RIGWARD TAL-IŻLANDA, TAN-NORVEĠJA, TAL-IŻVIZZERA U TAL-LIECHTENSTEIN

Il-Partijiet Kontraenti jieħdu nota tar-relazzjoni mill-qrib bejn l-Unjoni Ewropea u n-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, b'mod partikolari bis-saħħa tal-Ftehimiet tat-18 ta' Mejjun 1999 u tas-26 ta' Ottubru 2004 dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk il-pajjiżi mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen.

F'tali ċirkostanzi huwa mixtieq li l-awtoritajiet tan-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Albanija, min-naħa l-oħra, jikkonkludu, mingħajr dewmien, ftehimiet bilaterali dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tal-Albanija f'termini simili għal dawk ta' dan il-Ftehim.

---